A.L. 272 ta' l-2005

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Kunsilli Lokali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 72(2) ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Kunsilli Lokali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-Raba' Skeda".

Jemenda r-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att.

2. Fir-Raba' Skeda, taħt it-Titolu "Oqsma Industrijali":–

(a) il-kliem "Qasam Industrijali Mriehel" u l-kliem korrispondenti "Limiti ta' Birkirkara" għandhom jitħassru; u

(b) minnufih wara l-kliem "Villaġġ tas-Snajja' Ta' Qali" u l-kliem korrispondenti "Limiti ta' Attard", għandu jidħol dan li ġej:–

"Żona Industrijali tal-Mosta (Targa Gap)	Limiti tal-Mosta
Żona Industrijali tal-Mosta (Tas-Sriedek)	Limiti tal-Mosta
Żona Industrijali ta' Mriehel	Limiti ta' Birkirkara
Żona Industrijali ta' Tal-Ħandaq	Limiti ta' Qormi".